C/2025/6670

10.12.2025

# Avviż dwar il-klassifikazzjoni armonizzata tad-diossidu tat-titanju bħala Karċinoġeniku tal-Kategorija 2 permezz tal-inalazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(C/2025/6670)

Wara diversi applikazzjonijiet (Kawżi T-279/20, IT-283/20 u T-288/20) li ġew magħquda għall-finijiet tas-sentenza, il-Qorti Ġenerali, permezz tas-sentenza tagħha tat-23 ta' Novembru 2022, annullat parzjalment ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/217 ([1]) fir-rigward tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar armonizzati tad-diossidu tat-titanju f'forma ta' trab li fih 1 % jew aktar ta' partikoli b'dijametru ajrudinamiku ta' 10 μm jew inqas. Franza u l-Kummissjoni appellaw is-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li ċaħdet l-appelli permezz tas-sentenza tagħha tal-1 ta' Awwissu 2025 fil-Kawżi Magħquda C-71/23 P u C-82/23 P. Għalhekk, l-annullament parzjali tar-Regolament Delegat (UE) 2020/217 mill-Qorti Ġenerali huwa kkonfermat.

B'konsegwenza ta' dan, id-diossidu tat-titanju f'forma ta' trab li fih 1 % jew aktar ta' partikoli b'dijametru ajrudinamiku ta' 10 μm jew inqas mhuwiex soġġett għall-klassifikazzjoni armonizzata bħala Kategorija Karċinoġenika 2 permezz tal-inalazzjoni, peress li r-ringiela li tikkorrispondi għan-numru tal-indiċi 022-006-00-2, fil-punt (2)(c) tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2020/217 hija annullata.

Barra minn hekk, il-partijiet li ġejjin tar-Regolament Delegat (UE) 2020/217 jitqiesu wkoll bħala annullati:

(a) Anness I

(b) Anness II

(c) Fl-Anness III n-Nota W u n-Nota 10

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/217 tal-4 ta' Ottubru 2019 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, u li jikkoreġi dak ir-Regolament (ĠU L 44, 18.2.2020, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/217/oj).